# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Dicembru, 2000 .

## Citazzjoni numru : 15/95G1(PC)

**Carmel u Maria konjugi Bugeja .**

**VS**

**Id-Direttur Generali tax-Xoghlijiet pubblici , u Il-Perit Philip Grech bhala l-perit inkarigat mis-Sezzjoni tad-Drenagg ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**
**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi l-atturi huma propretarji ta' porzjoni raba mit-terrritorju maghruf bhala "Tal-Bakkari" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tlett elef hames mija u sittin metri kwadri (3,560 mk) u konfinanti mat-tramuntana ma' triq Bakkari, majjistral ma' beni ta' Pinu Bugeja u nofsinhar ma' beni ta' Ganni Attard u terzi ohra ;**

**Illi ghal zmien twil l-atturi ilhom ibatu minn skular tad-drenagg li qieghed jisbroffa ta spiss u kontinwament mill-katusi tad-drenagg tal-**
**Gvern u wara li jiskula ghat-triq jibqa' niezel fir-raba tal-atturi bil-konsegwenza li l-atturi sofrew danni konsistenti f'herba shiha li saret fir-raba tal-atturi u f'telf ta' prodott u wicc tar-raba ;**

**Illi l-atturi ilhom zmien twil jipprotestaw ruhhom mal-awtoritajiet ikkoncernati sabiex jirrimedjaw ghal dana l-inkonvenjent kbir li huma qeghdin isofru u dana, nonostanti, l-istess awtoritajiet ikkoncernati, ghalkemm dejjem ipprometew li sejrin jirrimedjaw ghal dana n-nuqqas taghhom, baqghu inadempjenti .**

**Talbu lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu minn din il-Qorti :**

**1) Iddikjarat illi huma responsabbli ghal dana l-inkonvenjent tal-iskular tad-drenagg ghar-raba taghhom u tal-hsarat ingenti li huma sofrew u li qeghdin isofru fir-raba taghhom ;**
**2) Ikkundannati sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jirrimedjaw ghal dana n-nuqqas taghhom billi jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali sabiex jitnehha u jigi eliminat darba ghal dejjem dana l-inkonvenjent ;**
**3) F'kaz li l-istess zmien jghaddi inutilment ghaliex l-istess atturi m'ghandhomx jigu awtorizzzti jaghmlu l-istess xoghlijiet huma ghas-spejjez tal-istess konvenuti nomine u taht id-direzzjoni ta' perit li ghandu jigi nominat ghal l-istess fini ;**
**4) Tillikwida d-danni kollha gia sofferti u li qeghdin josofru l-atturi, liema danni jikkonsistu sewwa fi hsarat fir-raba taghhom, kif ukoll f'telf ta' prodott, kif jigi pruvat dettaljatament waat is-smiegh tal-istess kawza u dana okkorrendo permezz ta' perit nominat ghal l-istess fini ;**
**5) Tikkundanna lill-istess konvenuti nomine li jhallsu d-danni kollha hekk sofferti u likwidati .**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru 1994, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha huma imharrka .**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi .**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi skond il-ligi, debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Carmel Bugeja .**

**Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet `tad-Direttur inkarigat mid-drenagg li eccepixxa :**

**1. Preliminarjament illi d-direttur Generali tax-Xoghlijiet m'ghandux id-"day to day running" tad-drenagg u ghaldaqstant ghandu jinqala' barra mill-kariga odjerna ;**
**2. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ;**
**3. Salv eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut konfermata bil-gurament ta' Joseph Bajada .**
**Rat id-degriet taghha tal-21 ta' April, 1995, li permezz tieghu gie nominat l-AIC Richard Aquilina bhala perit tekniku sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici f'din il-kawza, fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti .**

**Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Richard Aquilina pprezentata fis-16 ta' Gunju, 1999, u kkonfermata minnu bil-gurament fit-3 ta' Novembru, 1999 .**

**Ikkunsidrat illi mill-istess konkluzjonijiet peritali jirrizulta illi mill-provi li ngabru l-hsara vera kienet qed issir, kif allegaw l-atturi u din kienet ir-rizultat ta' imblukkar ta' drenagg . Jghid ukoll l-istess perit, illi din il-hsara setghet twaqqfet tlett snin qabel, meta kienet inghatat ordni biex il-medda tinbidel . U ghal hekk fl-opinjoni ta' l-istess perit tekniku, l-ewwel u r-raba talba ta' l-atturi ghandhom jigu milqugha peress li l-konvenuti nomine kienu ga ghamlu x-xoghlijiet fit-tibdil tad-drenagg; it-tieni u t-tielet talbiet ma ghandhomx jigu kkonsidrati.**

**Irrizulta wkoll illi mid-dokument esebit quddiem il-perit tekniku, bhala dokument CB 1, illi d-danni kkagunati kawza tal-hsara fis-sistema tad-drenagg kienu jammontaw ghas-somma ta' seba' mija tnejn u erbghin lira maltija (LM742) .**

**Rat ukoll il-verbal taghha tat-22 ta' gunju 2000, li permezz tieghu din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista tal-konkluzjonijiet peritali, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenut direttur generali tax-xoghlijiet responsabbli fil-kariga tieghu responsabbli ghall-inkonvenjent tal-iskular tad-drenagg ghar-raba ta' l-atturi, u ghal hsarat illi sofrew l-istess atturi; tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba, u dana peress illi rrizulta illi fil-mori tal-kawza dawn il-hsarat gew rimedjati mill-istess konvenut; tilqa' r-raba talba u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, fis-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira (LM742), u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu din is-somma lill-atturi . Tillibera pero' lill-perit Philip Grech mill-osservanza tal-gudizzju, u dana peress illi l-istess perit Philip Grech personalment ma huwa responsabbli ghall-ebda parti mill-hsarat ikkagunati lill-atturi .**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom sopportati kollha kemm huma mill-konvenut direttur generali tax-xoghlijiet pubblici .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S1595Pc
882